Parlament Ewropew
2019-2024

Kumitat għall-Impjiegi u l-Affarijiet Soċjali

2022/2170(INI)

5.5.2023

ABBOZZ TA' RAPPORT

dwar il-ħolqien tal-impjiegi – it-tranżizzjoni ġusta u l-investimenti b'impatt
(2022/2170(INI))

Kumitat għall-Impjiegi u l-Affarijiet Soċjali

Rapporteur: Sara Matthieu

WERREJ

Paġna

MOZZJONI GĦAL RIŻOLUZZJONI TAL-PARLAMENT EWROPEW 3

NOTA SPJEGATTIVA 8

MOZZJONI GĦAL RIŻOLUZZJONI TAL-PARLAMENT EWROPEW

dwar il-ħolqien tal-impjiegi – it-tranżizzjoni ġusta u l-investimenti b'impatt (2022/2170(INI))

Il-Parlament Ewropew,

– wara li kkunsidra r-rakkomandazzjoni tal-Kunsill tas-16 ta' Ġunju 2022 dwar l-iżgurar ta' tranżizzjoni ġusta lejn in-newtralità klimatika[1],

– wara li kkunsidra l-Ftehim adottat fil-21 Konferenza tal-Partijiet għall-Konvenzjoni Qafas tan-NU dwar it-Tibdil fil-Klima (COP21) f'Pariġi fit-12 ta' Diċembru 2015 (il-Ftehim ta' Pariġi),

– wara li kkunsidra l-komunikazzjoni tal-Kummissjoni tal-11 ta' Diċembru 2019 dwar il-Patt Ekoloġiku Ewropew (COM(2019)0640),

– wara li kkunsidra l-komunikazzjoni tal-Kummissjoni tal-14 ta' Lulju 2021 intitolata "'Lesti għall-Mira ta' 55 %': Nilħqu l-Mira Klimatika tal-UE għall-2030 fi Triqitna lejn in-Newtralità Klimatika" (COM(2021)0550),

– wara li kkunsidra d-dikjarazzjoni tal-4 ta' Novembru 2021 dwar appoġġ għall-kundizzjonijiet għal tranżizzjoni ġusta f'livell internazzjonali, adottata fil-COP26 fi Glasgow,

– wara li kkunsidra l-komunikazzjoni tal-Kummissjoni tat-23 ta' Frar 2022 dwar ix-xogħol deċenti madwar id-dinja għal tranżizzjoni globali ġusta u rkupru sostenibbli (COM(2022)0066),

– wara li kkunsidra l-komunikazzjoni tal-Kummissjoni tal-4 ta' Marzu 2021 dwar il-Pjan ta' Azzjoni tal-Pilastru Ewropew tad-Drittijiet Soċjali (COM(2021)0102),

– wara li kkunsidra r-Regolament (UE) 2021/1056 tal-Parlament Ewropew u tal-Kunsill tal-24 ta' Ġunju 2021 li jistabbilixxi l-Fond għal Tranżizzjoni Ġusta[2],

– wara li kkunsidra r-Regolament (UE) 2021/241 tal-Parlament Ewropew u tal-Kunsill tat-12 ta' Frar 2021 li jistabbilixxi l-Faċilità għall-Irkupru u r-Reżiljenza[3],

– wara li kkunsidra l-komunikazzjoni tal-Kummissjoni tas-17 ta' Frar 2020 intitolata "Valutazzjoni madwar l-UE kollha tal-Pjanijiet Nazzjonali għall-Enerġija u l-Klima – Immexxu 'l quddiem it-tranżizzjoni ekoloġika u nippromwovu l-irkupru ekonomiku permezz ta' ppjanar integrat tal-enerġija u tal-klima" (COM(2020)0564),

– wara li kkunsidra l-komunikazzjoni tal-Kummissjoni tal-1 ta' Lulju 2020 intitolata "Aġenda għall-Ħiliet għall-Ewropa għall-kompetittività sostenibbli, il-ġustizzja soċjali

[1] ĠU C 243, 27.6.2022, p. 35.
[2] ĠU L 231, 30.6.2021, p. 1.
[3] ĠU L 57, 18.2.2021, p. 17.

u r-reżiljenza” (COM(2020)0274),

– wara li kkunsidra l-komunikazzjoni tal-Kummissjoni intitolata “Aġġornament tal-Istrateġija Industrijali l-Ġdida tal-2020: Nibnu Suq Uniku aktar b’saħħtu għall-irkupru tal-Ewropa” (COM(2021)0350),

– wara li kkunsidra r-rakkomandazzjoni tal-Kunsill tal-24 ta’ Novembru 2020 dwar l-edukazzjoni u t-taħriġ vokazzjonali (VET) għall-kompetittività sostenibbli, il-ġustizzja soċjali u r-reżiljenza[4],

– wara li kkunsidra l-proposta għal regolament tal-Parlament Ewropew u tal-Kunsill li jistabbilixxi qafas ta’ miżuri biex tissaħħaħ l-ekosistema tal-manifattura ta’ prodotti tat-teknoloġija b’emissjonijiet żero netti tal-Ewropa (l-Att dwar l-Industrija b’Emissjonijiet Żero Netti) (COM(2023)0161),

– wara li kkunsidra l-Artikolu 54 tar-Regoli ta’ Proċedura tiegħu,

– wara li kkunsidra l-opinjoni tal-Kumitat għall-Iżvilupp Reġjonali,

– wara li kkunsidra r-rapport tal-Kumitat għall-Impjiegi u l-Affarijiet Soċjali (A9 0000/2023),

A. billi t-tranżizzjoni ekoloġika se tespandi ħafna l-attivitajiet ekonomiċi relatati mal-enerġija rinnovabbli, l-effiċjenza enerġetika u l-ekonomija ċirkolari, filwaqt li tittrasforma attivitajiet ekonomiċi oħra;

B. billi tranżizzjoni ġusta għandha tinvolvi li tinħataf l-opportunità biex jinħolqu impjiegi ta’ kwalità, tiġi indirizzata d-diskriminazzjoni fuq il-post tax-xogħol u jogħlew l-istandards tax-xogħol;

C. billi s-setturi fejn huwa mistenni li jinħolqu opportunitajiet ta’ impjieg fit-tranżizzjoni lejn ekonomiji newtrali f’termini ta’ emissjonijiet tal-karbonju għadhom iddominati ħafna mill-irġiel;

D. billi l-kisba tan-newtralità karbonika sal-2050 se tirrikjedi l-antiċipazzjoni tal-bidla u kundizzjonijiet qafas xierqa biex jiġu appoġġati t-tranżizzjonijiet minn impjieg għal ieħor, inkluż it-taħriġ, it-tiġdid u t-titjib tal-ħiliet meħtieġa tal-forza tax-xogħol attwali;

E. billi d-diskrepanza fl-investiment għall-azzjoni klimatika ġiet stmata EUR 520 biljun fis-sena sal-2030;

F. billi l-parteċipazzjoni tal-ħaddiema u tat-trade unions fil-governanza tat-tranżizzjoni u fl-antiċipazzjoni u l-ġestjoni soċjali tal-bidla hija prerekwiżit għal tranżizzjoni ġusta, inklużiva u ta’ suċċess;

L-opportunitajiet li toffri l-ekonomija ekoloġika għas-suq tax-xogħol

1. Jenfasizza li tranżizzjoni lejn soċjetajiet u ekonomiji rinnovabbli u ċirkolari tiġġenera l-potenzjal kemm biex jinħolqu impjiegi ġodda kif ukoll biex l-impjiegi eżistenti jinbidlu

[4] ĠU C 417, 2.12.2020, p. 1.

f'impjiegi ekoloġiċi u sostenibbli prattikament fis-setturi kollha;

2. Jinnota li l-potenzjal tat-tranżizzjoni ekoloġika għall-impjiegi huwa marbut ukoll ma' attivitajiet ekonomiċi sostenibbli bħar-rinnovazzjoni enerġetika, it-tiswija u l-biedja organika, li jirrikjedu aktar ħaddiema mill-attivitajiet li jissostitwixxu;

3. Jinnota li t-tranżizzjoni għandha potenzjal sinifikanti li toħloq impjiegi lokali li ma jistgħux jiġu rilokati, u dan jikkontribwixxi għat-tisħiħ tas-sovranità u r-reżiljenza Ewropej;

4. Jistieden lill-Kummissjoni taħdem fuq linji gwida kunċettwali dwar x'jikkostitwixxi impjieg ekoloġiku, abbażi tal-potenzjal tiegħu għall-ekoloġizzazzjoni tal-ekonomija kif ukoll il-kontribut tiegħu għas-saħħa u l-benesseri tan-nies u għax-xogħol deċenti;

Xogħol deċenti għal tranżizzjoni ġusta

5. Jenfasizza li t-tranżizzjoni ekoloġika tas-suq tax-xogħol għandha timxi id f'id ma' konverġenza 'l fuq lejn kundizzjonijiet tax-xogħol aħjar u perkorsi ta' karriera attraenti;

6. Itenni t-talba tiegħu li l-finanzjament tal-UE, inkluż l-għajnuna mill-Istat, għandu jkun sottopost għall-objettivi tal-politika pubblika, b'mod partikolari r-rekwiżiti soċjali; jissottolinja li l-awtoritajiet pubbliċi għandhom imexxu bl-eżempju u jistabbilixxu kriterji soċjali fl-akkwist pubbliku; jitlob li d-Direttiva dwar l-Akkwist Pubbliku tiġi riveduta biex jiġi żgurat li l-kumpaniji li jibbenefikaw minnha jappoġġaw in-negozjar kollettiv, impjiegi ta' kwalità għolja, apprendistati ta' kwalità għolja, pagi deċenti u ugwali, kif ukoll it-taħriġ;

7. Ifakkar li l-istrateġija tal-UE dwar is-saħħa u s-sikurezza għandha tqis ir-riskji speċifiċi fis-setturi l-ġodda u tinkorpora r-riskji li jirriżultaw mit-tibdil fil-klima u mid-degradazzjoni ambjentali;

8. Jisħaq li huwa importanti li ż-żgħażagħ jiġu involuti fl-ippjanar tat-tranżizzjoni; jistieden lill-Istati Membri jiffaċilitaw l-aċċess taż-żgħażagħ għal traineeships u apprendistati mħallsa, ta' kwalità u inklużivi;

9. Jenfasizza li l-ugwaljanza bejn il-ġeneri għandha ssir parti integrali mill-istrateġiji favur l-ekonomija ekoloġika; jistieden lill-Kummissjoni u lill-Istati Membri jieħdu l-miżuri kollha biex jiżguraw li l-inugwaljanzi bejn il-ġeneri preeżistenti ma jiġux trasferiti għall-ekonomija ekoloġika emerġenti;

Il-ħiliet għal tranżizzjoni ġusta

10. Jisħaq fuq il-ħtieġa li jiġu offruti edukazzjoni u taħriġ fl-oqsma marbuta ma' ħtiġijiet ta' ħiliet li jiġu identifikati fis-swieq tax-xogħol u fis-setturi orjentati lejn il-futur sabiex jiġi żgurat li s-suq tax-xogħol ikun lest għat-tranżizzjoni ekoloġika;

11. Jisħaq li kull ħaddiem għandu jkollu dritt individwali għall-edukazzjoni, it-taħriġ tal-impjegati u t-tagħlim tul il-ħajja, u li dan għandu jkun rifless fil-politiki ambjentali kollha tal-UE u nazzjonali, kif ukoll fl-istrateġiji ta' mitigazzjoni u adattament tal-kumpaniji; jenfasizza l-fatt li d-dritt għat-taħriġ għandu jinkludi liv edukattiv imħallas;

12. Jisħaq fuq ir-rwol tad-djalogu soċjali, tan-negozjar kollettiv u tas-sħab soċjali fit-tfassil ta' ħiliet nazzjonali, settorjali u speċifiċi għall-kumpaniji għall-istrateġiji favur impjiegi ta' kwalità u t-taħriġ;

13. Jistieden lill-Istati Membri jintegraw l-iżvilupp sostenibbli kif ukoll il-kompetenzi u l-ħiliet ambjentali fis-sistemi tat-taħriġ u tal-edukazzjoni;

14. Jisħaq li t-taħriġ għandu jkun ta' kwalità tajba biżżejjed u jwassal għal kwalifika li tkun ivvalidata permezz ta' sistemi ta' rikonoxximent u ta' ċertifikazzjoni trasparenti u ċari li jippermettu l-komparabbiltà;

Il-koerenza tal-politika pubblika biex jiġi żviluppat bis-sħiħ il-potenzjal tat-tranżizzjoni ekoloġika għall-impjiegi

15. Jenfasizza li l-implimentazzjoni sħiħa tal-leġiżlazzjoni ambjentali hija essenzjali biex jiġi sfruttat bis-sħiħ il-potenzjal marbut mal-ekonomija ekoloġika u għalhekk biex jinħolqu l-impjiegi;

16. Jistieden lill-Kummissjoni tinkludi, għal-leġiżlazzjoni ambjentali kollha, valutazzjoni tal-impatt soċjoekonomiku li tqis l-impjiegi, il-ħiliet u l-kundizzjonijiet tax-xogħol;

17. Jitlob reviżjoni tar-Regolament dwar il-Governanza tal-Unjoni tal-Enerġija sabiex il-pjanijiet nazzjonali dwar l-enerġija u l-klima jiġu aġġornati b'objettivi ta' tranżizzjoni ġusta;

18. Jenfasizza l-importanza tal-Istati Membri fil-promozzjoni tad-djalogu soċjali settorjali u tan-negozjar kollettiv, speċjalment fl-industriji ekoloġiċi emerġenti ġodda, kif ukoll fl-iżgurar tal-inklużjoni tan-negozji żgħar u ta' daqs medju; jisħaq li d-Direttiva dwar il-Paga Minima tirrappreżenta opportunità kbira biex jissaħħu n-negozjar kollettiv u l-preżenza tat-trade unions fis-setturi emerġenti;

19. Jitlob aġġornament tad-Direttiva 2002/14/KE dwar l-informazzjoni u l-konsultazzjoni tal-impjegati fl-UE sabiex id-drittijiet ta' informazzjoni u ta' konsultazzjoni jiġu inklużi fil-pjanijiet ta' tranżizzjoni implimentati mill-kumpaniji fl-operazzjonijiet u fil-katina tal-valur kollha tagħhom;

20. Jitlob li l-kumpaniji kollha affettwati mit-tranżizzjoni ekoloġika jkollhom l-obbligu li jadottaw pjanijiet għal tranżizzjoni ġusta, innegozjati mat-trade unions u mar-rappreżentanti tal-ħaddiema;

21. Jiddispjaċih li l-proposta tal-Kummissjoni dwar ir-rieżami tal-governanza ekonomika ma toħloqx biżżejjed spazju fiskali għall-Istati Membri biex jagħmlu l-investiment ekoloġiku u soċjali fuq l-iskala meħtieġa;

22. Jitlob bidla maġġuri fl-UE mill-intaxxar tal-pagi għall-intaxxar tal-ġid sabiex jiġi inċentivat il-ħolqien tal-impjiegi u jitnaqqsu l-inugwaljanzi;

23. Jenfasizza l-importanza ta' xbieki ta' sikurezza b'saħħithom biex jikkomplementaw il-miżuri favur il-ħolqien tal-impjiegi u jiżguraw li ħadd ma jitħalla jibqa' lura, inkluż appoġġ adegwat għall-introjtu minimu, benefiċċji tal-qgħad adegwati u pagi minimi;

L-investiment fil-ħolqien ta' impjiegi sostenibbli: ir-rwol tal-investiment

24. Jirrikonoxxi l-importanza tal-investiment b'impatt fil-forniment ta' finanzjament lill-organizzazzjonijiet li jindirizzaw il-ħtiġijiet soċjali u ambjentali bl-aspettattiva espliċita ta' redditu soċjali u ambjentali li jista' jitkejjel, inkluż fuq l-impjiegi u l-kwalità tagħhom;

25. Jisħaq fuq ir-rwol kruċjali tas-settur privat u finanzjarju biex jalloka fondi għal investimenti sostenibbli u jippermetti t-tranżizzjoni lejn ekonomija newtrali għall-klima;

26. Jitlob li jinħoloq malajr fond ta' sovranità Ewropew bi flus tal-UE allokati ġodda biex jiġu mobilizzati investimenti fuq skala kbira fit-teknoloġija ekoloġika;

27. Jitlob espansjoni fid-daqs u fil-kamp ta' applikazzjoni tematiku tal-Fond għal Tranżizzjoni Ġusta;

28. Jistieden lill-Kummissjoni tkompli timmonitorja u trawwem l-investiment u l-infiq fuq il-ħolqien ta' impjiegi ta' kwalità fin-NextGenerationEU, il-Faċilità għall-Irkupru u r-Reżiljenza u l-Fond Soċjali Ewropew Plus u tiżgura li l-Parlament Ewropew jibqa' involut mill-qrib;

°

° °

29. Jagħti istruzzjonijiet lill-President tiegħu biex tgħaddi din ir-riżoluzzjoni lill-Kunsill u lill-Kummissjoni.

NOTA SPJEGATTIVA

Il-konsegwenzi tat-tibdil fil-klima huma ħorox u potenzjalment katastrofiċi. It-treġġigħ lura ta' din ix-xejra huwa kruċjali għall-pjaneta tagħna, għall-ġenerazzjonijiet futuri, kif ukoll għall-protezzjoni tal-impjiegi u d-drittijiet tal-ħaddiema. Dan se jirrikjedi strateġiji ta' mitigazzjoni u adattament fis-setturi kollha tal-ekonomija tagħna. Id-dekarbonizzazzjoni tas-setturi ekonomiċi se ġġib magħha l-opportunità li jinħolqu impjiegi ġodda, speċjalment fis-setturi tal-enerġija u tal-ekonomija ċirkolari.

Is-Sena Ewropea tal-Ħiliet u l-Att propost dwar l-Industrija b'Emissjonijiet Żero Netti jagħmlu ftit enfasi mhux ħażin fuq ir-rwol tal-ħiliet fit-tranżizzjoni. It-titjib u t-tiġdid tal-ħiliet u t-tagħlim tul il-ħajja huma bla dubju elementi kruċjali biex jiġi żgurat li t-tranżizzjoni tkun ġusta u inklużiva. Iżda t-tranżizzjoni ġusta ma tikkonċernax biss it-taħriġ u l-ħiliet.

It-tranżizzjoni ekoloġika għandha toffri lill-ħaddiema opportunità ta' ħolqien ta' impjiegi aktar numerużi u aħjar, stabbli, b'paga ġusta u b'kundizzjonijiet tax-xogħol deċenti, li fihom il-ħaddiema u t-trade unions ikunu involuti f'kull stadju tal-proċess. Fit-tranżizzjoni lejn emissjonijiet żero netti, li ssir enfasi biss fuq il-ħiliet u l-kwantità ta' impjiegi maħluqa ma jkunx biżżejjed biex issir ġustizzja, jekk il-faqar u l-inugwaljanza fost dawk li jaħdmu, l-insigurtà ekonomika u x-xogħol prekarju jkomplu jikbru. Il-bidla meħtieġa għandha tippermetti l-konverġenza 'l fuq u mhux tipperikola l-impjiegi ta' kwalità.

Fl-istess ħin, l-appoġġ pubbliku għall-kumpaniji għandu dejjem ikun sottopost għar-rispett tad-drittijiet tal-ħaddiema. L-UE u l-Istati Membri jista' jkollhom effett ta' xprun qawwi, billi jiżguraw li l-kumpaniji li jibbenefikaw mill-appoġġ tal-UE jammeljoraw il-kundizzjonijiet tax-xogħol tagħhom u jinvestu f'impjiegi li jkunu sostenibbli.

Jidher biċ-ċar li kemm is-settur pubbliku kif ukoll dak privat ma jistgħux ikunu kompjaċenti rigward id-dimensjoni tas-suq tax-xogħol fil-kuntest tat-tranżizzjoni. Tranżizzjoni ġusta timplika antiċipazzjoni qawwija tal-bidla, mill-perspettiva tal-kumpaniji, tar-regolamentazzjoni u tal-investiment. Is-sistema tal-inċentivi għandha tippromwovi l-ħolqien ta' impjiegi ta' kwalità u sostenibbli, filwaqt li l-investiment b'impatt ambjentali u soċjali pożittiv għandu jkun promoss.